**20 ta' April, 1963**

**Imħallef:**

**Onor. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Alfred Debattista

**Offiża in rissa — Offiża ljevi — Art. 251, Kod. Krim.**

*Il-liġi Maltija ma tirrikonoxxix l-offiża ljevi ta' importanza żgħira bħala xi klassi ta' offiża distinta mill-offiża ljevi.*

B'sentenza tagħha tat-tmienja (8) ta' Marzu 1963 il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta sabet lil imsemmi Debattista ħati ta' storbju u ta' offiża ta' natura ħafifa u importanza żgħira volontarja, u illiberatu mill-imputazzjonijiet l-oħra dedotti kontra tiegħu, — u ikkundannatu għal tliet (3) liri ammenda fuq l-istorbju, u ħames (5) liri multa fuq l-offiża;

L-imputat appella, limitatament, però, għal kundanna dwar l-offiża fuq imsemmija (ara verbal fol. 21);

*Trattat l-appell;*

Ikkunsidrat:

L-aggravju tad-difiża hu fis-sens li l-ewwel Qorti ma setatx issib ħati l-appellant ta' dik l-offiża, peress li ma kienitx dedotta fiċ-ċitazzjoni;

Dan l-aggravju ma hux sostnut. Kontra l-imputat odjern

*kienet ġiet dedott*. l-imputazzjoni **inter alia** illi fil-ġlieda kien ġie *ferut George ebattista. Voldiri*, li kien hemm anki l-imputazzjoni ta' **offisa in rissa.** Issa l-ewwel Qorti sabet ħati l-appellant ta' offiż. ta' *natura ħafifa* u ta' importanza żgħira volontarja. Inoltre, dik il-Qorti ċitat l-art. 251 (d) Kod. Krim. li jikkontempla l-offiża in rissa.

**Żewġ** obbjezzjonijiet jistgħu **prima facie** jsiru, u fil-fatt saru mid-difiża. L-ewwel waħda li dik li l-Qorti tal-ewwel istanza wżat il-kelma "volontarja". Issa, għalkemm fil-prattika jingħad pjuttost "offisa in rissa" meta l-każ jaqa' taħt l-artikolu fuq ċitat (251), eppure, teknikament, ma hijiex żbaljata affattu l-kelma "volontarja". Infatti, l-art. 251 jinsab appuntu taħt is-sub-titlu ta' l-iskużi li jingħataw fl-omiċidju **volontarju** u *fl-offiżi fuq il-persuna* **volontarji,** u dan hu dovut għall-fatt li, *kif ġie spjegat* **funditus** *fis-sentenza mogħtija mill-Imħallef* sedenti Pul. vs. Barbara 2 Diċ. 1939, Kollez. Vol. XXX, iv, p. **631**, dik *id-dispożizzjoni tikkontjeni* **per se stessa il calor rixal** bħala skużanti, — ta liema prinċipju l-imħallef sedenti, fi studji li reġa' għamel snin wara, sab il-konforma tiegħu fil-Crivellari, Dto. Crim., Vol. VII p. 1002 u 1007. Għalhekk, ġaladarba dak l-artikolu hu kompriż, appuntu għax fih innifsu jikkontjeni li skużanti tal-passjoni, fis-sub-Titolu ta' l-iskużi applikabili għall-omiċidji u offiżi fuq il-persuna **volontarji,** isegwi, loġikament, li ma hux skorrett li wieħed jirriferixxi bil-kelma **volontarji,** għall-omiċidju jew offiżi in rissa, anki jekk, fil-prattika, mhux soltu jissejħu hekk, imma jissejħu, aktar komunement, omiċidju jew offiża in rissa.

**It-tieni** *obbjezzjoni li ssollevat id-difiża hija dik li fl-inċis* ċitat mill-ewwel Qorti — 251(d) — hemm kontemplata l-offiża ħafifa, u mhux — *bħal ma kienet* fil-każ preżenti — l-offiża ta' natura ħafifa ta' importanza żgħira. Issa għandu jiġi osservat li l-liġi Maltija ma tirrikonoxxix l-offiża ljevi ta' importanza żgħira **bħala xi klassi ta' offiża distinta mill-offiża**

**ljevi**, — fl-art. 235 il-liġi tirriferixxi għal offiża ljevi — imbagħad, fit-tielet subartikolu ta' dak l-artikolu, tissanzjona pieni iżgħar meta **l-effett** tal-offiża, fiżiku jew morali, ikun ta' importanza żgħira, — vuoldiri, non si tratta ta' kategorija distinta ta' offiża, imma biss ta' diversità tal-**effett** tagħha. Minn dan jiġi li, meta fl-art. 251 il-liġi semmiet biss l-offiża ħafifa, b'daqshekk kienet qegħda tikkomprendi anki l-każ meta l-effetti tagħha jkunu ta' ftit importanza, — s'intendi, il-Qorti tista' dejjem tirregola ruħha entro l-latitudini tal-pieni tal-kontravenzjonijiet, hemm imsemmija.

Għalhekk l-obbligazzjonijiet tad-difiża ma jreġġux.

Ikkunsidrat:

Id-difiża, però, għandha raġun fil-li tgħid li l-ewwel Qorti ma setatx tapplika l-piena tal-multa, — stante li l-liġi tikkommina, fl-inċiż ċitat, il-pieni tal-**kontravvenzjonijiet.**

Għalhekk il-piena għandha tiġi mibdula f'dik pekunjarja tal-kontravvenzjonijiet, ċioè tal-ammenda.

Issa, kwantu għall-entità tagħha, din il-Qorti taħseb li l-ewwel Qorti kienet qegħda tħares pjuttost lejn l-**ammont** meta infliġġit il-piena pekunjarja milli lejn **ix-xorta tal-piena** (multa jew ammenda) u għalhekk ma hux il-każ li jiġi varjat dak l-ammont. Lanqas jiġi b'daqshekk traskurat ir-rifless li, f'dak l-inċiż, hemm kompriża anki l-ipotesi tal-offiża ħafifa ta' importanza żgħira, għaliex ipotetikament hemm dejjem lok għall-gradazzjoni tal-piena fil-latitudni tal-pieni tal-kontravvenzjonijiet, li jikkomportaw anki l-piena detentiva.

Għalhekk, tiddeċiedi billi tipprovdi fuq l-appell fis-sens biss li tbiddel il-piena inflitta għall-offiża in rissa minn ħames (5) liri **multa** għal ħames liri (£5) **ammenda**, iżda timmantje-

ni sħiħa, per tut t'altro, is-sentenza appellata. — Żmien għall-ħlas — xahar mill-lum.